

22005D0917

20.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 333/53

**DEĊIŻJONI Nru 2/2005 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILITA TAĦT IL-FTEHIM DWAR
L-GĦARFIEN REĊIPROKU LI GĦANDU X'JAQSAM MA' L-EVALWAZZJONI TAL-KONFORMITÀ,
ĊERTIFIKATI U MARKI BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-AWSTRALJA**

tal-11 ta' Novembru 2005

**biex jingħata effett lill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni ta' Korp għal Valutazzjoni tal-Konformità taħt
l-Anness Settorjali għall-Kompatibilità Elettromanjetika**

(2005/917/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja u partikolarment l-Artikolu 12;

Billi l-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjoni biex jingħata effett lir-reġistrazzjoni ta' Korp jew Korpi għal Valutazzjoni tal-Konformità taħt Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għal Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness A huwa miżjud mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fit-Taqsima II ta' l-Anness Settorjali dwar il-Kompatibilità Elettromanjetika.
2. Il-firxa speċifika tar-reġistrazzjoni, f'termini ta' proċeduri ta' evalwazzjoni ta' prodotti u tal-konformità, tal-Korp għall-Evalwazzjoni tal-Konformità indikata fl-Anness A, ġiet miftehma mill-Partijiet u se tinżamm minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati li jaħdmu f'isem il-Partijiet għall-għanijiet li jemendaw il-Ftehim. Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ mid-data li fiha titniżżel l-aħħar firma.

Iffirmat f'Kanberra, nhar il-11 ta' Novembru 2005. Iffirmat fi Brussell, nhar il-21 ta' Ottubru 2005.

F'isem l-Awstralja
Brian PHILLIPS

F'isem il-Komunità Ewropea
Andra KOKE

ANNEX

Il-Korp Finlandiż għal Valutazzjoni tal-Konformità miżjud mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fit-Taqsima II ta' l-Anness Settorjali dwar il-Kompatibilità Elettromanjetika

Nordic Accredited Testing Laboratories Oy
NATLABS
P.O. BOX 677 (Koneenkatu 12)
05801 HYVINKÄÄ, Finland
Tel. +358 20 475 2600
Fax: +358 20 475 2719